**Minuti tal-14 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-knies peress li qal li dan ma kienx regolari ġewwa Ħal Farruġ. Is-Segretarju qal li huwa kien diġa kellem lill-kuntrattur u qallu biex jagħmilha aktar spiss hawnhekk.

3.2 Is-Sur. Saliba semma biex fuq il-parti ta' Triq Wied in-Noqor fejn hemm il-papri naraw napplikkawx għall fondi Ewropej. Is-Segretarju qal li għad irid joħroġ program ġdid tal-fondi u naraw hemmx xi ħaġa adattata għall hemm.

3.3 Is-Sur. Saliba saqsa fuq ir-railing li kellu jsir fil-Housing Estate.

3.4 Is-Sur. Saliba saqsa kif konna bqajna fuq il-proġett tal-Housing Estate li kellu jsir maġenb Triq il-Vitorja. Is-Segretarju qal li huwa kien fittex fuqu u ma tantx kien sab informazzjoni. Huwa qal li ma kienx jaf meta se jibda x-xogħol.

3.5 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-mera li kellha ssir fil-liwja ta' Triq Wied in-Noqor għax baqgħet ma saritx. Is-Segretarju qal li huwa kien se jordna waħda.

3.6 Is-Sur. Borg saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq il-ħajt li kellu jsir mal-Industrial Estate ta' Ħal Luqa. Is-Segretarju semma li huwa kien bagħat diversi reminders fuq il-każ u anki lill-Ministru stess imma ma kellu l-ebda risposta.

3.7 Is-Sur. Borg semma li fil-Family Park kien hemm diversi bozoz maqtugħa. Is-Segretarju qallu li huwa kien se jibgħat persuna biex tiċċekkjahom.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

________________________ ________________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv